MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 1440/2002/1

***GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Yvette Dimech kif ukoll l-istess Yvette Dimech***

***vs***

***Kevin Demanuele***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et, s-somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm134.63), u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm109.63 li sofriet is-socjeta' attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 li sofriet l-attrici Yvette Dimech, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-

vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBC 094 fit-23 ta' Novembru 2001 gewwa l-Fgura kien minhabba negligenza u imprudenza involut f'incident tat-traffiku mal-vettura DAJ 631 proprjeta' ta' Yvette Dimech u kkaguna danni fl-istess vettura. Ghal dan l-incident huwa unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Dicembru 2001 u tal-parir (Lm15) u ta' l-ittra ufficjali ndirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentata kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Lulju 2002 li permezz taghha huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux veru li kkaguna hsarat fil-vettura ta' l-attrici.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti, ta' Raymond Cortis, is-surveyor Joseph Muscat u ta' Saviour Demanuele.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' d-dikjarazzjoni *front-to-rear*, u s-*survey report*, flimkien mar-ricevuta tal-hlas tal-hsarat esibiti a fol.11 sa 14 ta' l-atti processwali u r-ritratti tal-vettura ta' l-attrici Dokument JM1 u tal-post ta' l-incident Dokumenti LG sa LG2.

Ikkunsidra:

Illi l-fattispecje ta' l-incident stradali mertu tal-kawza huma semplici hafna u jinkwadraw ruhhom fl-elementi ta' kollizzjoni *front- to-rear*. L-incident sehh gewwa Hompesch Road, il-Fgura fil-parti tat-triq fejn jinstab il-hanut BIBAS fid-direzzjoni lejn Rahal il-Gdid. Kien hemm tlett vetturi involuti fl-incident, dik tal-kontendenti kif ukoll dik ta' Raymond Cortis bin-numru ta' registrazzjoni GAC 118. Fil-hin ta' l-incident kien hemm bosta traffiku fit-triq u x-xhud Cortis ighid illi hekk kif huwa waqqaf fit-traffiku wara l-vettura ta' l-attrici, huwa ha daqqa mill-vettura li kienet qed tinsaq warajh mill-konvenut. Mad-daqqa l-

vettura tieghu immullat ‘il quddiem u huwa baqa’ diehel fil-vettura ta’ l-attrici.

Raymond Cortis ighid illi huwa ma kellux hsarat fil-vettura tieghu hlief li itghawweg in-*number plate* fuq in-nahha ta’ quddiem u kellu xi briex fuq il-bumper ta’ wara. Huwa mela d-dikjarazzjoni *front-to-rear* ma’ l-attrici liema dikjarazzjoni hija esibita u mmarkata bhala Dokument RC1, filwaqt illi mal-konvenut huwa ma meliex din id-dikjarazzjoni stante illi l-konvenut ammetta r-responsabbilta’ ghall-incident u qallu li kien lest isewwielu l-hsarat li kellu, kif fil-fatt ghamel.

Ighid illi f’dak il-mument vizwalment huwa ma kienx ra xi hsarat fil-vettura ta’ l-attrici. Ighid ukoll illi huwa kien offra li jsewwi l-hsarat li kellha l-attrici fil-vettura taghha, izda hija gharrfitu illi kienet assikurata *fully comprehensive* u ghalhekk setghet tirranga l-affarijiet hija stess. Izda sussegwentement kien cempillu s-sur Dimech u kien gharrfu li kien sewwa l-hsarat, izda huwa ma accettax illi jhallashom stante illi lanqas kien jaf li dawn kienu ssewwew u peress illi dak-in nhar huwa ma kienx ra xi hsarat fil-vettura ta’ l-attrici. Huwa kien mar mal-konvenut fl-ufficcju ta’ GasanMamo, fejn kienu gharrfuhom bl-ammont ta’ hsara li garrbet il-vettura ta’ l-attrici. Ighid illi huwa kien baqa’ mistghageb stante illi ma kienx ra hsarat fl-istess vettura.

L-attrici taqbel mal-verzjoni tal-fatti moghtija mix-xhud Cortis dwar kif sehh l-incident mertu tal-kawza. Hija tikkonferma illi l-hsarat li garrbet fil-vettura taghha kienu fil-*bumper* ta’ wara. It-tiswijiet gew imhallsa mis-socjeta’ attrici filwaqt illi hija hallset Lm25 bhala *excess payment*. Hija tghid illi ghall-ewwel Cortis kien offrielha biex ihallas il-hsarat li kellha, izda meta huma marru l-ghassa tal-pulizija, immedjatament wara l-incident u spjegawlhom kif kien sehh l-incident, l-pulizija kienu tawh parir biex imur ikellem l-assikurazzjoni tieghu qabel ma jammetti t-tort.

Hija tikkontendi illi meta sehh l-incident kien id-dlam u ghalhekk kien impossibbli biex f’dak il-hin jigu ikkonstatati sew il-hsarat fil-vetturi rispettivi tal-partijiet. Id-dawl tat-triq

kien jinstab fuq il-hanut BIBAS u hija kienet wieqfa iktar ‘l isfel. Hija tichad illi lill-avukat Lawrence Galea li kien acceda dak in-nhar fuq il-post ta’ l-incident kienet indikatlu li kellha l-hsarat fuq in-*number plate* biss u tikkonferma illi hija kienet indikatlu car u tond illi kienet qalghet daqqa fuq il-*bumper* ta’ wara u b’konsegwenza ta’ dan il-*boot* ma setax jinghalaq. Hija tichad illi qabel l-incident mertu tal-kawza, l-vettura taghha kienet involuta f’incident stradali iehor u tichad illi hija ndikat dan lil missier il-konvenut dak in-nhar ta’ l-incident.

Is-surveyor Joseph Muscat li hejja s-*survey report* Dokument RC1 rigward il-hsarat fil-vettura ta’ l-attrici jikkonferma illi l-hsarat sofferti kienu fir-*rear panel* u fil-*bumper* ta’ wara, kif ukoll fil-*boot* fil-*lower panel*. Il-kont tat-tiswijiet esibit u mmarkat bhala Dokument RC1 huwa fil-fatt konsistenti mar-rapport tieghu. Dawn il-hsarat huma kompatibbli ma’ daqqa fuq in-naha ta’ wara ta’ vettura, u huma moderati.

Mix-xhieda moghtija mill-konvenut, ma jidhirx illi huwa qieghed jikkontesta r-responsabbilta’ tieghu ghall-incident stradali mertu tal-kawza, izda qieghed jikkontesta l-*quantum* tad-danni. Huwa fil-fatt jaghti l-istess verzjoni ta’ l-attrici u ta’ Raymond Cortis ta’ kif sehh dan l-incident. Ma’ l-impatt it-tlett sewwieqa nizzlu mill-vetturi rispettivi taghhom sabiex jivverifikaw il-hsarat rapportati. Il-konvenut jikkontendi illi huwa kellu hsarat fil-fanal u x-xibka tal-vettura tieghu. Is-sur Cortis kellu girfa fuq il-*bumper* ta’ wara, u fuq in-naha ta’ quddiem tal-vettura ta’ Cortis u fuq in-naha ta’ wara tal-vettura ta’ l-attrici ma kienx hemm hsarat apparenti. Dan il-fatt gie vverifikat ukoll minn missieru Saviour Demanuele u mill-avukat tieghu Dr. Lawrence Galea li kienu prezenti.

Huwa ftiehem mas-sur Cortis biex isewwielu l-hsarat fil-vettura tieghu u fil-fatt hekk sar. Huwa hallas l-ammont ta’ Lm40 ghal hsarat fil-vettura ta’ Cortis. Huwa jghid illi l-attrici riedet tinvolvi lill-assikurazzjoni taghha sabiex isiru t-tiswijiet ghaliex bdiet tinsisti li kellha hsarat fil-bieba tal-*boot*, izda huwa ma xtaqx jaghmel dan peress illi ma kienx hemm hsarat apparenti u ghalhekk offrielha li jekk kien

hemm xi hsarat, kien lest li jhallsilha. Ighid illi dak in-nhar ta' l-incident huwa personalment kien fetah il-*boot* tal-vettura ta' l-attrici u anke hares taht il-karozza sabiex jara jekk kienx hemm xi hsarat. Din l-investigazzjoni ghamluha x-xhieda kollha prezenti. Huwa jichad li ra xi daqqa fuq l-*inner panel* kif hemm indikat fid-Dokument JM1.

Saviour Demanuele jikkonferma x-xhieda ta' ibnu l-konvenut. Izid ighid madanakollu illi huwa kien ra xi briex fuq il-*bumper* tal-vettura ta' l-attrici. Huwa ma fetahx il-bieba tal-*boot* u ma ra lil hadd iktar jiftah l-istess bieba u l-attrici ma kenitx indikatlu illi l-bieba tal-*boot* ma kienx qieghed jinghalaq. Ighid illi l-attrici riedet tinvolvi l-assikurazzjoni taghha peress illi qaltlu li kellha daqqa ohra minn incident iehor precedenti.

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda prodotti jidher illi l-uniku kwistjoni li trid tigi risolta hija dwar il-hsarat rapportati fil-vettura ta' l-attrici dak in-nhar ta' l-incident u dana peress illi l-konvenut qieghed isostni illi dawn il-hsarat kienu minimi u ma kienux jikkonsistu fil-hsarat indikati mill-attrici u li taghhom hija qieghda titlob il-hlas permezz tal-presenti istanza.

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad minghajr dubbju ta' xejn illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident stradali u dana *ex admissis* ighidu l-konvenut ukoll. Illi ghalhekk ma huwiex ikkontestat illi huwa ghandu jwiegeb ghal hsarat rapportati fil-vettura ta' l-attrici.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, ghandu jinghad illi t-Tribunal huwa iktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija mill-attrici minn dik moghtija mill-konvenut u dana peress illi kemm mid-dokumenti esibiti kif ukoll mix-xhieda tas-*surveyor* Joseph Muscat jidher illi d-danni ilmentati mill-attrici dak in-nhar ta' l-incident, huma kompatibbli mad-daqqa subita fil-vettura taghha. Illi fid-dikjarazzjoni *front-to-rear* mimlija mill-attrici u minn Saviour Cortis jidher illi mal-ewwel gie ndikat illi kien hemm hsara fil-"*bonnet lock*" u din id-dikjarazzjoni Cortis iffirmaha u qabel maghha

ghalkemm fix-xhieda tieghu huwa jikkontendi illi ma kienx hemm hsarat apparenti fil-vettura ta' l-attrici.
Illi l-attrici mal-ewwel bdiet tindika lil dawk kollha prezenti illi hija kellha hsara fil-*boot* u li l-istess ma setax jinghalaq, izda ghalkemm il-konvenut jiftakar dan id-diskors, izda x-xhieda l-ohra donnhom insew dan kollu ghaliex missier il-konvenut jichad ghal kollox illi l-attrici bdiet tindika din il-hsara, filwaqt illi Cortis ghalkemm iffirma d-dikjarazzjoni Dokument RC1 fejn hemm indikata din il-hsara, isostni illi hsarat ma rax.

Illi ghalhekk tirrizulta konfliggenza fix-xhieda tal-konvenut u ta' missieru. Saviour Demanuele jghid illi huwa ra barxa fil-bumper, Raymond Cortis ighid illi hsarat apparenti ma kienx hemm, u l-konvenut li jikkontendi li hsarat ma kienx hemm u dana jghid li kien ivverifikah missieru ukoll, flimkien ma' l-avukat tieghu li gew imsejjha lkoll minnu fuq il-post ta' l-incident. Mhux biss hekk, izda huwa jghid illi kemm hu kif ukoll ***"ix-xhieda kollha li kienu prezenti"*** kienu fethu l-*boot* u anke harsu taht il-vettura ta' l-attrici, meta missieru jghid illi huwa ma fetahx il-*boot* u lanqas ra lil xi haddiehor prezenti jaghmel dan! Illi l-uniku haga li fuqu jaqqblu x-xhieda kollha hija illi l-attrici mal-ewwel bdiet tinsisti li riedet tinvolvi l-assikurazzjoni taghha sabiex isewwulha l-hsarat. Dan huwa wkoll indikattiv illi hija riedet taghmel dan peress illi setghet tikkonstata li hija kienet garrbet xi hsarat fil-vettura taghha b'konsegwenza ta' dan l-incident.

Illi ghalhekk dan kollu jwassal lit-Tribunal ghal konvinzjoni illi dak kollu li qieghed jallega l-konvenut huwa ghal kollox inversomili u ghalkemm sejjah

tant xhieda fuq il-post ta' l-incident dawn lanqas kienu kapaci jaqqblu bejniethom fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija!

Ghaldaqstant it-Tribunal, ighaddi biex filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine et, s-somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm134.63), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------